MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 669/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Lukanda Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mija u disa' u tletin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (LM3,139.43,0), rapprezentanti ammont minnha dovuta in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21573708 u 21571119 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u B) liema servizzi gew installati fil-fond Euroclub Hotel, Triq il-**

**Fliegu, Qawra, San Pawl il-Bahar u dana kif jirrizulta mill-anness dokumenti mmarkati Dok C u D;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-15 ta' Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------